2.7.2010 A7-0220/ 001-023

**EMENDI 001-023**
mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**Rapport**
**Othmar Karas** **A7-0220/2010**
Kwalità tad-dejta tal-istatistika

Proposta għal regolament (COM(2010)0053 – C7-0064/2010 – 2010/0035(NLE))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 1 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) It-twissijiet tal-Kummissjoni (Eurostat) maħruġa sa mill-2004 u l-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett, li ddeskriviethom fil-Komunikazzjoni tagħha tat-22 ta' Diċembru 2004 intitolata "Lejn strateġija ta' governanza Ewropea għall-istatistika fiskali"[1] sfortunatament ma wasslux għar-riformi tal-qafas ta' governanza għall-istatistika finanzjarja, li anki għal dak iż-żmien kienu tard. Kieku ttieħdet azzjoni fil-ħin, l-iżbalji fir-rappurtar tad-data rilevanti dwar l-iżbilanċ pubbliku kienu jiġu identifikati ħafna aktar qabel u l-kriżi li rriżultat minnhom setgħet għallinqas tkun imtaffija. Għalhekk, huwa ta' importanza kruċjali li l-Kummissjoni (Eurostat) tingħata qafas ta' kompetenza xieraq b'forniment ta' persunal adegwat li jkun indipendenti kemm jista' jkun.*** |

[1] *COM(2004)0832.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 1 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tfassal konklużjonijiet dwar kif saru l-ġbir u l-evalwazzjoni ta' statistika finanzjarja mill-Istati Membri fil-passat. Dawk il-konklużjonijiet għandhom jiġu rrappurtati lill-Parlament Ewropew.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-qafas ta' governanza rivedut għall-istatistiċi fiskali ffunzjona sew u, b'mod ġenerali, kellu riżultat sodisfaċenti f'termini ta' rappurtar ta' *dejta* fiskali rilevanti dwar id-dejn u l-iżbilanċ tal-gvern. ***B'mod partikolari, l-Istati Membri*** wrew ***b'mod predominanti*** rekord b'saħħtu ta' kooperazzjoni in buona fede u kapaċità operazzjonali biex *jirrapurtaw dejta* fiskali ta' kwalità għolja. | (3) ***Filwaqt li*** l-qafas ta' governanza rivedut għall-istatistiċi fiskali ffunzjona sew u, b'mod ġenerali, kellu riżultat sodisfaċenti f'termini ta' rappurtar ta' *data* fiskali rilevanti dwar id-dejn u l-iżbilanċ tal-gvern***, u l-maġġoranza tal-Istati Membri*** wrew rekord b'saħħtu ta' kooperazzjoni in buona fede u kapaċità operazzjonali biex *jirrappurtaw data* fiskali ta' kwalità għolja***, l-opportunitajiet preċedenti kellhom jittieħdu biex jiżdiedu l-kwalità u l-ambitu tad-data pprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat)***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Madankollu, żviluppi riċenti wrew ukoll b'mod ċar li l-qafas ta' governanza | (4) Madankollu, żviluppi riċenti ***fl-Unjoni*** wrew ukoll b'mod ċar li l-qafas ta' |

| | |
|---|---|
| attwali għall-istatistiċi fiskali xorta ma jnaqqasx, sal-punt neċessarju, ir-riskju ta' *dejta* mhux korretta jew mhux ċara li tiġi nnotifikata deliberatament lill-Kummissjoni. | governanza attwali għall-istatistiċi fiskali xorta ma jnaqqasx, sal-punt neċessarju, ir-riskju ta' *data* mhux korretta jew mhux ċara li tiġi nnotifikata deliberatament lill-Kummissjoni. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) L-affidabilità tal-istatistika li tkun magħmula disponibbli lill-Kummissjoni (Eurostat) fil-livell ta' Unjoni tiddependi direttament mill-affidabilità tad-data tal-istatistika miġbura mill-Istati Membri fil-levell nazzjonali.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 4 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Huwa kruċjali li l-indipendenza istituzzjonali tal-entitajiet tal-istatistika statutorji nazzjonali tkun żgurata biex tiġi evitata kull pressjoni fuqhom mill-gvernijiet rispettivi tagħhom.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) F'din il-konnessjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) għandu jkollha drittijiet addizzjonali ta' aċċess għal ambitu mwessa' ta' tagħrif għall-ħtiġijiet ta' valutazzjoni tal-kwalità ta' *dejta*. | (5) F'din il-konnessjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) għandu jkollha drittijiet addizzjonali ta' aċċess għal ambitu mwessa' ta' tagħrif għall-ħtiġijiet ta' valutazzjoni tal-kwalità ta' *data*. ***Huwa essenzjali li d-data rċevuta mill-Istati Membri tinqasam fi żmien xieraq mad-Direttorat Ġenerali tal-Istatistika tal-Bank*** |

|  | ***Ċentrali Ewropew.*** |
|---|---|

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Bank Ċentral Ewropew huwa l-istituzzjoni ewlenija għall-istabilità monetarja, mhux biss fiż-żona tal-euro, iżda fl-UE b'mod ġenerali. Id-Direttorat Ġenerali tal-Istatistika tiegħu għandu l-kompetenza li jitlob għal data nazzjonali mill-Istati Membri fil-qasam tal-istatistika monetarja, l-istatistika tal-banek u tas-swieq finanzjarji. Apparti din ir-responsabilità maqsuma għall-ġbir ta' data Ewropea, aktar falsifikazzjoni ta' statistika tista' biss tiġi evitata jekk il-poter superviżorju tal-BĊE jissaħħaħ ukoll.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***(5a) Sabiex data ekonomika tkun tista' tiġi mqabbla hija meħtieġa metodoloġija uniformi. Il-Kummissjoni, għalhekk, għandha tippromwovi l-armonizzazzjoni tal-ġbir ta' data tal-istatistika.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) B'mod partikolari, filwaqt li twettaq żjarat ta' monitoraġġ fi Stat Membru li l-informazzjoni tal-istatistika tiegħu hi ta' skrutinju il-Kummissjoni (Eurostat) għandha jkollha aċċess għall-kontijiet tal-entitajiet tal-gvern f'livelli ċentrali, tal-istat, lokali u tas-sigurtà soċjali, inkluż l-għoti tal-informazzjoni msemmija ta' kontabilità dettaljata, stħarriġ statistiku rilevanti u kwestjonarji u informazzjoni ulterjuri relatata, li tirrispetta l-leġiżlazzjoni dwar protezzjoni ta' *dejta* kif ukoll kunfidenzjalità statistika. | (6) B'mod partikolari, filwaqt li twettaq żjarat ta' monitoraġġ fi Stat Membru li l-informazzjoni tal-istatistika tiegħu hi ta' skrutinju il-Kummissjoni (Eurostat) għandha jkollha aċċess għall-kontijiet tal-entitajiet tal-gvern f'livelli ċentrali, tal-istat, lokali u tas-sigurtà soċjali, inkluż l-għoti tal-informazzjoni msemmija ta' kontabilità dettaljata, stħarriġ statistiku rilevanti u kwestjonarji u informazzjoni ulterjuri relatata, ***inklużi tranżazzjonijiet li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ, filwaqt*** li tirrispetta l-leġiżlazzjoni dwar protezzjoni ta' *data* kif ukoll kunfidenzjalità statistika. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 6 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Sabiex il-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' taqdi d-dmirijiet superviżorji aktar wesgħin tagħha, jeħtieġ li jkun hemm żieda fil-persunal kwalifikat fid-dipartimenti relevanti. Iż-żieda addizzjonali fil-persunal u fl-ispejjeż għandha tiġi koperta minn trasferimenti fil-baġits u fil-persunal fi ħdan il-Kummissjoni.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-kontijiet pubbliċi ta' unitajiet individwali tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll unitajiet pubbliċi ikklassifikati barra s-settur tal-amministrazzjoni pubblika, għandhom ikunu l-oġġett ewlieni tal-kontrolli, u l-kontijiet pubbliċi għandhom ikunu vvalutati f'termini tal-użu statistiku tagħhom. | (7) Il-kontijiet pubbliċi ta' unitajiet individwali tal-gvern ġenerali, kif ukoll unitajiet pubbliċi ikklassifikati barra s-settur tal-gvern ġenerali, għandhom ikunu l-oġġett ewlieni tal-kontrolli, u l-kontijiet pubbliċi għandhom ikunu vvalutati f'termini tal-użu statistiku tagħhom. ***Għandhom jintużaw kemm analiżi ta' nofs it-terminu u oqfsa multiannwali biex jgħinu għall-evalwazzjoni baġitarja.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 8 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bl-informazzjoni tal-istatistika u tal-baġit fuq il-bażi ta' metodu ta' kontabilità standardizzat u aċċettat internazzjonalment.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 8 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-elaborazzjoni ta' sanzjonijiet fi ħdan il-qafas tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir fir-rigward tal-għoti ta' statistika makroekonomika distorta mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-infurzar ta' sanzjonijiet kontra l-Istati Membri li jiffalsifikaw l-istatistika makroekonomika relatata mal-iżbilanċ tal-baġit tagħhom u d-dejn tal-gvern*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiddaħħal regolazzjoni aktar iebsa (inkluża l-possibilità tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet) fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jingannaw l-UE u l-investituri billi jiddikjaraw statistika makronomika ffalsifikata. Din id-dispożizzjoni għandha tassigura li l-eżempu Grieg ma jerġax jirrepeti ruħu fil-ġejjieni.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 2 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:*** <br> **"1. "L-iżbilanċ ippjanat tal-gvern u ċ-ċifri tal-livell ta' dejn tal-gvern" tfisser dawk iċ-ċifri stabbiliti għas-sena kurrenti mill-Istati Membri. Huma għandhom ikunu l-previżjonijiet uffiċjali l-iktar reċenti, b'kont meħud tad-deċiżjonijiet l-iktar reċenti dwar il-baġit u tal-iżviluppi u l-prospetti ekonomiċi** ***u r-riżultati ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur.*** **Huma** ***għandhom*** **ikunu prodotti fl-iqsar żmien possibbli qabel l-iskadenza għar-rappurtar."** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), kemm jista' jkun fil-pront, bl-aċċess għall-informazzjoni għall-ħtiġijiet tal-valutazzjoni tal-kwalità tad-*dejta*, ***inkluża*** informazzjoni tal-istatistika ***bħal*** *dejta* mill-kontijiet nazzjonali***,*** inventorji***,*** tabelli ta' notifika tal-proċedura ta' żbilanċ***,*** kwestjonarji u kjarifiki addizzjonali relatati ***man-notifiki***. | 2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), kemm jista' jkun fil-pront, bl-aċċess għall-informazzjoni ***ta' statistika u baġitarja*** għall-ħtiġijiet tal-valutazzjoni tal-kwalità tad-*data*. ***Dik l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodu ta' verifika standardizzat u aċċettat b'mod internazzjonali miftiehem mal-Kummissjoni (Eurostat).*** Informazzjoni tal-istatistika ***u baġitarja tfisser, b'mod partikolari:***<br>***(a)*** *data* minn kontijiet nazzjonali***;***<br>***(b***) inventarji***;***<br>***(c)*** tabbelli ta' notifika dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv***;***<br>***(d)*** kwestjonarji u kjarifiki addizzjonali relatati man-notifiki dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv***;***<br>***(e) informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Kontijiet Ġenerali, mill-Ministeru tal-Finanzi jew mill-awtorità reġjonali relevanti dwar l-eżekuzzjoni tal-baġits nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri;***<br>***(f) il-kontijiet ta' korpi extrabaġitarji jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt u korpi simili li huma parti mis-settur tal-gvern ġenerali fil-kontijiet nazzjonali;***<br>***(g) informazzjoni eżawrjenti dwar kull tip*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' korp li ma jidhirx fuq il-karta tal-bilanċ;***<br>***(h) il-kontijiet tal-fondi tas-sigurtà soċjali; kif ukoll***<br>***(i) servejs tal-gvern lokali.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iż-żjarat metodoloġiċi huma maħsuba sabiex jiġu sorveljati l-proċessi u l-kontijiet li jiġġustifikaw id-*dejta* attwali rrappurtata u sabiex jitfasslu konklużjonijiet dettaljati dwar il-kwalità tad-*dejta* rrappurtata, kif definit fl-Artikolu 8(1). | 3. Iż-żjarat metodoloġiċi ***jistgħu ma jkunux imħabbra minn qabel u*** huma maħsuba sabiex jiġu sorveljati l-proċessi***, inkluża l-indipendenza tal-awtorità nazzjonali tal-istatistika mill-gvern,*** u l-kontijiet li jiġġustifikaw id-*data* attwali rrappurtata u sabiex jitfasslu konklużjonijiet dettaljati dwar il-kwalità tad-*data* rrappurtata, kif definit fl-Artikolu 8(1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiddaħħal regolazzjoni aktar iebsa fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jingannaw l-UE u l-investituri billi jiddikjaraw statistika makronomika ffalsifikata. Din id-dispożizzjoni għandha tassigura li l-eżempju Grieg ma jerġax jirrepeti ruħu fil-ġejjieni.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iż-żjarat metodoloġiċi għandhom isiru biss f'każijiet ***eċċezzjonali*** fejn ikunu identifikati riskji ***sinifikanti*** jew problemi bil-kwalità tad-*dejta* ***ġew identifikati b'mod ċar.*** | Iż-żjarat metodoloġiċi***, imħabbra minn qabel jew le,*** għandhom isiru f'każijiet fejn ikunu identifikati riskji ***serji*** jew ***ikunu suspettati*** problemi bil-kwalità tad-*data*. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' każijiet li jridu jitqiesu bħala riskju jew problema sinifikanti relatati mal-kwalità*** |

| | |
|---|---|
| | ***tad-data; Dik il-lista għandha tiġi stabbilita wara konsultazzjoni mas-CMFB.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom, fuq it-talba tal-Kummissjoni (Eurostat), jipprovdu l-għajnuna ta' esperti fil-kontabilità nazzjonali, inkluż għat-tħejjija u t-twettiq ta' żjarat metodoloġiċi. Fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom, dawn l-esperti għandhom jipprovdu għarfien espert indipendenti. Lista ta' dawn l-esperti tal-kontabilità nazzjonali għandha tkun kostitwita abbażi ta' proposti mibgħuta lill-Kummissjoni (l-Eurostat) mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-rappurtar tal-iżbilanċ eċċessiv. | 1. L-Istati Membri għandhom, fuq it-talba tal-Kummissjoni (Eurostat), jipprovdu l-għajnuna ta' esperti fil-kontabilità nazzjonali, inkluż għat-tħejjija u t-twettiq ta' żjarat metodoloġiċi***, li wkoll jistgħu ma jkunux imħabbra minn qabel***. Fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom, dawn l-esperti għandhom jipprovdu għarfien espert indipendenti ***u għandhom jagħmlu taħriġ speċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' għarfien u imparzjalità***. Għandha tkun kostitwita lista ta' dawn l-esperti tal-kontabbiltà nazzjonali abbażi ta' proposti mibgħuta lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-rappurtar tal-iżbilanċ eċċessiv. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-qafas taż-żjarat metodoloġiċi, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha d-dritt tkun intitolata biex taċċessa direttament il-kontijiet tal-entitajiet kollha tal-gvern f'livelli ċentrali, tal-istat, lokali u tas-sigurtà soċjali, inkluż l-għoti tal-informazzjoni msemmija ta' kontabilità dettaljata, bħal tranżazzjonijiet u karti ta' bilanċ, stħarriġ statistiku rilevanti u | 2. Fil-qafas taż-żjarat metodoloġiċi, ***li jistgħu wkoll ma jkunux imħabbra minn qabel,*** il-Kummissjoni (Eurostat) għandha d-dritt tkun intitolata biex taċċessa direttament il-kontijiet tal-entitajiet kollha tal-gvern f'livelli ċentrali, tal-istat, lokali u tas-sigurtà soċjali ***(inkluż il-fond tal-pensjoni statali)***, inkluż l-għoti tal-informazzjoni msemmija ta' kontabilità |

| | |
|---|---|
| kwestjonarji u informazzjoni ulterjuri relatata, bħal dokumenti analitiċi u d-*dejta* tal-kontabilità ta' korpi pubbliċi oħra. | dettaljata, bħal tranżazzjonijiet u karti ta' bilanċ, stħarriġ statistiku rilevanti u kwestjonarji u informazzjoni ulterjuri relatata, bħal dokumenti analitiċi u d-*data* tal-kontabilità ta' korpi pubbliċi oħra. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ir-rappreżentanti tal-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu jieħdu sehem u jgħinu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni (Eurostat) matul iż-żjarat metodoloġiċi.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tagħmel ispezzjonijiet fil-post u titħalla tagħmel intervisti ma' kwalunkwe organizzazzjoni li jidhrilha li tkun rilevanti għall-ħidma tagħha.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiffaċilitaw iż-żjarat metodoloġiċi. Dawn iż-żjarat jistgħu | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiffaċilitaw iż-żjarat metodoloġiċi***, li jistgħu wkoll ma jkunux*** |

| | |
|---|---|
| jitwettqu fl-awtoritajiet nazzjonali involuti fir-rappurtar ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, kif ukoll fis-servizzi kollha involuti direttament jew indirettament fil-produzzjoni tal-kontijiet u d-dejn tal-gvern L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk is-servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali, u fejn meħtieġ, l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom li jkollhom responsabbiltà funzjonali għall-kontroll tal-kontijiet pubbliċi, jipprovdu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew lill-esperti l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 bl-għajnuna meħtieġa sabiex iwettqu dmirijiethom, inkluż billi jagħmlu disponibbli d-dokumenti sabiex tiġi ġustifikata d-*dejta* attwali rrappurtata dwar l-iżbilanċ u d-dejn u l-kontijiet tal-gvern li fuqhom tkun ibbażata. Ir-rekords kunfidenzjali tas-sistema statistika nazzjonali għandhom jiġu pprovduti biss lill-Kummissjoni (l-Eurostat). | ***imħabbra minn qabel***. Dawn iż-żjarat jistgħu jitwettqu fl-awtoritajiet nazzjonali involuti fir-rappurtar ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, kif ukoll fis-servizzi kollha involuti direttament jew indirettament fil-produzzjoni tal-kontijiet u d-dejn tal-gvern L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk is-servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali, u fejn meħtieġ, l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom li jkollhom responsabbiltà funzjonali għall-kontroll tal-kontijiet pubbliċi, jipprovdu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew lill-esperti l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 bl-għajnuna meħtieġa sabiex iwettqu dmirijiethom, inkluż billi jagħmlu disponibbli d-dokumenti sabiex tiġi ġustifikata d-*data* attwali rrappurtata dwar l-iżbilanċ u d-dejn u l-kontijiet tal-gvern li fuqhom tkun ibbażata. Ir-rekords kunfidenzjali tas-sistema statistika nazzjonali għandhom jiġu pprovduti biss lill-Kummissjoni (l-Eurostat)." |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 479/2009
Artikolu 16 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:*** <br> **"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data attwali rappurtata lill-Kummissjoni (Eurostat) hija provduta bi qbil mal-prinċipji stabbiliti mill-** ***Artikoli 2 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea[1].*** **F'dan ir-rigward, ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet statistiċi nazzjonali tkun li jiżguraw konformità tad-data rappurtata mal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u mar-regoli ta' kontabilità tal-ESA 95 li** |

**fuqhom tkun ibbażata.** ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet statistiċi nazzjonali jkunu provduti b'aċċess għall-informazzjoni relevanti kollha neċessarja biex tkun tista' ssir din il-ħidma.*****"**

_____

***[1] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.***